MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 960/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Alexander Cardona**

**Kumpilazzjoni Numru: 960/2012**

**Illum, 25 ta’ Settembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander Cardona, ta’ 45 sena, iben Joseph u Helen nee’ Ellul, imwieled Pieta’, nhar l-4 ta’ April, 1967 u residenti fil-fond

gewwa numru 19, Aurea, Triq Karmenu Vassallo, Iklin u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 154167(M);

Akkuzat talli;
1. Talli nhar il-15 ta' Awissu, 2012, f'xi hin matul il-gurnata minn gewwa ir-residenza numru 30, fi Triq Manwela, Mosta, ikkometta serq ta' gojjelli tad-deheb, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u dsigha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Pierre Daniel Zammit u/jew persuna ohra.

2. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanza volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor liema ammont tal-hsara jiskorri l-€23.29 izda ma jiskorrix l-€116.47 ghad-dannu ta' Pierre Daniel Zammit u/jew persuna ohra.

3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila jew arti fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Pierre Daniel Zammit u/jew persuni ohra.

4. Kif ukoll talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 325(1)(b) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat irritorna l-oggetti misruqa, kif ukoll il-bzonn li ghandu l-imputat ghall-kura.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 325(1)(b) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dawk li jhallas is-somma ta' €630 lill-parte leza fi zmien sitt xhur. In oltre l-Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 ta'l-istess Kapitolu 9 u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Pierre Daniel Zammit qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta'elfejn Euro (€2,000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmi Pierre Daniel Zammit.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin ju jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------